# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha**
**sitta (6) ta' Novembru 2019**

**Citazzjoni Nru 480/2019 FDP**

**San Lucian Oil Company Limited (C5387)**

**Vs**

**Speedy Pit Stop Co. Ltd (C34358)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors maħluf ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fis-17 ta' Mejju 2019 u maħluf minn Joseph Francis Borg, fejn talbet is-segwenti:

1. *ILLI s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' wiehed u sittin elf, disa' mija u ewro u disgha u disghin centezmu (€ 61,901.99) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' prodotti pertoliferi mibjugha lis-socjeta' intimata fuq talba taghha stess, hekk kif jirrizulta minn statements u invoices annessi u mmarkati Dok SLOC1 - SLOC12;*

2. *ILLI ghalkemm interpellata thallas tali ammont is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;*

3. *ILLI jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll skond 1-anness Affidavit ta' Francis Joseph Borg (anness u mmarkat Dok SLOC 13) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha, billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi safejn taf is-socjeta' rikorrenti, s-socjeta' intimata m'ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;*

*Ghaldaqstant s-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li s-socjeta' intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' wiehed u sittin elf, disa' mija u ewro u disgha u disghin centezmu [€ 61,901.99) dovuti minnha ghall-provvista ta' prodotti petroliferi kkonsenjati lilha kif fuq spjegat;*

3. *Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' wiehed u sittin elf, disa' mija u ewro u disgha u disghin centezmu (€ 61,901.99), bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tad-dovut pagament. Is-socjeta' intimata ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat illi fit 23 ta' Mejju 2019 il-Qorti appuntat il-kaz ghas-smiegh ghal-25 ta' Gunju 2019.

Rat illi fit-23 ta' Settembru 2019, is-socjeta' intimata giet notifikata bl-affissjoni fl-indirizz taghha 10, Tower Road, Sliema, kif ukoll gewwa l-Ghassa ta' tas-Sliema w il-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema. (fol 24 tergo)

Rat illi fl-24 ta' Settembru 2019 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. (fol 25)

Rat illi fl-1 ta' Novembru 2019 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali bil-Malti 'L-Orizzont'. (fol 29)

Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti jikkonferma lill-Qorti illi l-ammont kien ghadu dovut.

Rat id-dettam tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta u rat illi s-socjeta' intimata, debitament notifikata skond il-Ligi, naqset milli tidher sabiex tikkontesta t-talbiet maghmula kontra taghha.

Tosserva illi in-vista tal-konferma tar-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti kif ukoll in-nuqqas tas-socjeta' intimata illi tidher sabiex tikkontesta l-kaz, l-Qorti ser tghaddi biex taqta' u tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12.

## Decizjoni finali

Il-Qorti,

Ghalhekk, wara illi rat li s-socjeta' intimata naqset milli tidher biex tikkontesta dak mitlub,

1. **Tiddikjara** li s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' wiehed u sittin elf, disa' mija u ewro u disgha u disghin centezmu [€ 61,901.99)

dovuti minnha ghall-provvista ta' prodotti petroliferi kkonsenjati lilha kif fuq spjegat;

2. **Tikkundanna** lis-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' **wiehed u sittin elf, disa' mija u ewro u disgha u disghin centezmu (€ 61,901.99).**

**Spejjez**, kif mitluba, u bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv, a kariku tas-socjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**